Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 646/2005AE

**Paola Vassallo**

**Vs**

**Joseph Vella u Isabelle Vella**

7 ta' Ottubru, 2016.

Permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Lulju 2005, l-attrici ppremettiet u talbet:-

*Premess illi l-attrici Paola Vassallo hija s-sid tal-porzjon diviza ta' art ta' kejl ta' 287.44 metri kwadri liema tifforma parti mill-ghalqa msejjha 'Ta' Blata – Alfridi l-Kbira sive anke tal-Imwieghel fil-limiti tas-Siggiewi Malta liema porzjon ta' art hija mmarkata bl-isfar fil-pjanta annessa mmarkata dokument A;*

*Premess illi l-konvenuti huma s-sidien tal-porzjon diviza ta' art adjacenti in parti mal-art tal-attrici Paola Vassallo fuq indikata;*

*Premess illi meta l-konvenuti zviluppaw il-porzjon ta' art taghhom huma bnew oltre' l-konfini tal-propjeta' taghhom u dahlu u bnew ukoll fuq parti mill-art tal-attrici fuq indikata u ghaldaqstant huma approprijaw u uzurpaw b'mod illecitu bicca mill-art propjeta' tal-attrici kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;*

*Illi dan jikkostitwixxi uzurpazzjoni u approprijazzjoni illecita mill-konvenuti ta' propjeta' tal-attrici;*

*Illi din l-intromissjoni u lezjoni tad-drittijiet propjetarji kkawzat ukoll danni ghall-attrici liema danni jridu jigu llikwidati minn din il-Qorti;*

*Illi minkejja li gew interpellati sabiex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, il-konvenuti baqghu inadempjenti.*

Għaldaqstant, l-attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi l-konvenuti uzurpaw u intromettew b'mod illegali fuq il-porzjon diviza ta' art ta' kejl ta' 287.44 metri kwadri liema propjeta' tifforma parti mill-ghalqa msejjha 'Ta' Blata – Alfridi l-Kbira sive anke tal-Imwieghel fil-limiti tas-Siggiewi Malta propjeta' tal-attrici Paola Vassallo;*

*2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju u jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, jiddimolixxu l-binja li bnew fuq il-propjeta' tal-attrici u fin-nuqqas li jottemporaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti tawtorizza lill-attrici sabiex tiddimolixxi l-istess binja mibnija fuq propjeta' taghha a spejjez tal-konvenuti taht id-direzzjoni ta' periti nominandi biex b'hekk l-attrici tigi reintegrata fil-propjeta' taghha li giet uzurpata lilha minhabba agir illegali u abbuziv tal-konvenuti;*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha li l-attrici sofriet minhabba l-agir illegali u abbuziv tal-konvenuti;*

*4. Tillikwida d-danni li sofriet l-attrici minhabba l-agir illegali u abbuziv tal-konvenuti u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-5 ta' Frar 2007, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi preliminarjament il-gudizzju m'huwiex integru peress illi mid-dokumenti sottomessi fl-atti ta' din il-kawza mill-attrici ma jirrizultax illi hi hija l-unika sid ta' xi parti mill-ghalqa imsejha "Ta' Blata-Alfridi l-Kbira" sive anke' "Tal-Imwieghel" fil-limiti tas-Siggiewi, u ghalhekk l-azzjoni odjerna ma tistax treggi minghajr l-adezjoni tal-ko-proprjetarji kollha fil-kwalita' ta' atturi;*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi m'huwiex minnu illi l-eccipjenti uzurpaw u intromettew b'mod illegali fuq porzjoni diviza ta' art ta' kejl ta' 287.44m² proprjeta' tal-attrici, liema proprjeta' tifforma parti mill-ghalqa imsejha "Ta' Blata-Alfridi l-Kbira" sive anke' "Tal-Imwieghel" fil-limiti tas-Siggiewi kif allegat mill-attrici fic-citazzjoni odjerna, u liema talba tal-istess attrici bl-ebda mod ma tipprecizha;*

*3. Illi konsegwentement it-tieni talba attrici li tigi demolita l-binja li allegatament bnew l-eccipjenti fuq il-proprjeta' tal-attrici ma tistax tigi milqugha, anke' billi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-attrici qatt ma wriet l-icken opposizzjoni meta l-konvenuti kienu bnew zmien ilu, u l-konvenuti f'kull ma ghamlu dejjem agixxew in buona fede;*

*4. Illi t-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez peress illi l-attrici ma sofriet l-ebda danni;*

*5. Illi jirrizulta wkoll illi din l-azzjoni hi intempestiva u l-eccipjenti indipendentement mill-ezitu m'ghandhomx ibatu spejjez u dana peress illi:*

*a. B'ittra tas-6 ta' April 2005 [Dok JV 1] b'rapport peritali anness maghha [Dok JV2] l-attrici kienet allegat illi l-hajt divizorju mibni bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti ma kienx dobblu, u kienet oggezzjonat ukoll ghal recesses fl-imsemmi hajt, u li l-imsemmi hajt divizorju kien qed johloq encroachment fil-proprjeta' tal-attrici. Fl-istess ittra gie suggerit li l-konvenut iqabbad perit biex il-partijiet jiltaqghu fuq il-post biex jigi verifikat jew le dak li kien qed jigi allegat mill-attrici, kif anke' ssuggerixxa l-istess Perit tal-attrici;*

*b. B'ittra legali tal-15 ta' April 2005 [Dok JV 3] il-konvenut tramite' l-avukat sottoskritt kiteb lill-avukat tal-attrici u nformah illi kien ser jinkariga lill-Perit Robert Musumeci biex jaccedi fil-fond in kwistjoni u jirrelata fuq il-hajt divizorju in kwistjoni, u appena jkun lest dan ir-rapport kienet ser tinghadda kopja lill-avukat tal-attrici u gie suggerit li ssir laqgha bonarja flimkien mal-partijiet u l-periti rispettivi;*

*c. Wara li l-konvenuti kellmu lill-Perit Robert Musumeci dan issuggerixxa illi hu jiltaqa' flimkien mal-Perit tal-attrici Joseph Borg Grech fuq il-post in kwistjoni, u l-avukat tal-attrici gie informat b'dan permezz ta' e-mail [Dok JV 4] fis-27 ta' April 2005. L-ittra li ghaliha hemm riferenza fl-imsemmija e-mail qed tigi annessa bhala Dokument JV5;*

*d. Sussegwentement l-attrici qabdet u bidlet lill-avukat taghha, u minghajr qatt ma saru l-inkontri li kienet issuggeriet hi stess u li kienu qablu dwarhom il-konvenuti, qabdet u fethet din il-kawza;*

## Konsiderazzjoni.

Il-kawza titratta allegat invazjoni ta' art li tifforma parti mill-ghalqa Ta Blata – Alfridi l-Kbira maghrufa wkoll Imwieghel, Siggiewi markata bil-kulur isfar fil-pjanta mehmuza mac-citazzjoni (Dok. A). L-attrici ssostni li l-art hi proprjeta taghha u l-invazjoni grat meta l-konvenuti bnew l-art taghhom. Min-naha l-ohra l-konvenuti jsostnu li ma kienx hemm invazjoni ta' art.

**L-ewwel eccezzjoni** – il-gudizzju hu integru. L-azzjoni tal-attrici hi bazata fuq il-fatt li hi sid ta' 287.44 metri kwadri u li meta l-konvenuti zviluppaw l-art taghhom, invadew l-art tal-attrici u hadu bicca minnha. L-attrici hi s-sid tal-art li tidher fil-

pjanta Dok. A u markata bhala porzjon C. Il-qorti ma tara l-ebda htiega li jkun parti xi haddiehor.

**<u>Eccezzjoni li l-azzjoni hi intempestiva</u>** – il-fatt li wara l-iskambju ta' korrispondenza l-attrici pproponiet kawza, ma jwassalx ghall-intempestivita. Jidher li wara r-rapport tal-perit Borg Grech tal-4 ta' April 2005[1], l-attrici hadet parir iehor u dan wassalha biex tipprezenta l-kawza.

**<u>Meritu.</u>**

Permezz ta' kuntratt tat-30 ta' Mejju 2000 atti nutar Charles Vella Zarb (fol. 65) saret divizjoni bejn l-attrici u bintha Mary Vassallo, fejn l-attrici giet assenjata il-porzjon art markata bl-ittra **C** murija fil-pjanta mehmuza mal-kuntratt u markata bhala dokument X (fol. 70), filwaqt li lil Mary Vassallo giet assenjata l-art markata bl-ittra **D**. Fil-kuntratt jinghad li l-kejl tal-art li akkwistat l-attrici hu 287.44 metri kwadri. B'dan l-att saret ukoll korrezzjoni ta' att ta' enfitewsi pubblikat fis-6 ta' Frar 1990 pubblikat min-nutar Dr Philip Said, u gie ddikjarat li l-pjanta li hemm mehmuza mal-att tal-1990 m'hijiex korretta u:

> *"….. il-pjanta korretta hija dik li qed tigi markata ittra X fil-pjanta li qed tigi hawn annessa markata ittra A u dana peress li l-pjanta odjerna hija mkejla sewwa fil-post waqt li l-ohra saret qabel ma sari l-bini ta' hdejn l-istess bicca art….."* (fol. 67).

Dikjarazzjoni li qatt ma nbidlet.

**L-oneru tal-prova hu fuq l-attrici, fis-sens li trid taghti prova li fuq bazi ta' probabilta l-konvenuti nvadew parti mill-art taghha**. M'hemmx dubju li l-qorti kellha bzonn ta' parir tekniku, in kwantu l-kwistjoni kienet tirrelata dwar fejn kellha tkun il-linja divizorja bejn il-proprjeta tal-kontendenti.

Kif tajjeb qal il-perit Alan Saliba, fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dak l-att il-hajt divizorju bejn il-proprjeta tal-kontendenti kien diga' nbena. Fatt li jirrizulta mill-pjanta mehmuza mal-att tat-30 ta' Mejju 2000. Il-perit, wara li evidentement kejjel fil-post l-art tal-attrici, ikkonkluda:

> *"…. ma jistax ikun illi l-konvenuti uzurpaw il-proprjeta akkwistata mill-attrici permezz tal-istess att ta' divizjoni, billi jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jikkunsidra li dan hu l-kaz, u cioe' li l-hajt divizorju irid jersaq lejn il-konvenuti, allura jirrizulta illi l-proprjeta tal-attrici tigi akbar minn dik akkwistata minnha permezz tal-istess att ta' divizjoni."* (fol. 361).

Dan ifisser li skond il-kejl li ha l-perit tekniku, l-attrici ghandha fil-pussess taghha l-art assenjata lilha bl-att tat-30 ta' Mejju 2000. Dan hu l-kejl li fl-att tac-citazzjoni l-attrici qalet li hu proprjeta taghha. Kejl li skond il-perit tekniku ghandha fil-pussess taghha. Fiha nnifisha din hi diga' prova kontra t-tezi tal-attrici li l-konvenuti nvadew u hadu xi parti mill-art. Prova li mhi kontradetta minn ebda prova ohra.

[1] L-ilmenti li ssemmew fir-rapport tal-perit Borg Grech kienu li: 1) il-hajt divizorju ma kienx inbena dobblu kuntrarjament ghal dak pattwit fil-kuntratti; 2) parti mill-hajt divizorju kellu sporgenza ghal gewwa l-proprjeta tal-attrici; 3) Il-hajt divizorju mibni fuq plot A kien sar fuq proprjeta tal-venditur (fol. 106).

L-attrici talbet in-nomina ta' periti addizzjonali, u t-talba giet milqugha[2].

Il-periti addizzjonali ezaminaw il-kaz minn aspett differenti, cjoe' a bazi tal-kuntratti ta' akkwist tal-konvenuti li xtraw minghand l-attrici u zewgha, porzjonijiet mill-art Ta' Blata Alfridi, b'kuntratt:

i. Tas-26 ta' Settembru 1994 atti nutar Dr Philip Said, kejl ta' 273.09 metri kwadri (fol. 12).
ii. Tas-26 ta' Settembru 1994 atti nutar Dr Anthony Abela, kejl ta' 110.15 metri kwadri (fol. 16).
iii. Tat-18 ta' April 1996 atti nutar Dr Charles Vella Zarb, kejl ta' 100 metri kwadri (fol. 21).
iv. Tat-2 ta' Gunju 1995 atti nutar Dr Anthony Abela, kejl ta' 100 metri kwadri (fol. 25).

Il-periti addizzjonali ghamlu survey tal-art okkupata mill-konvenuti (Dok. SU1, fol. 443) u wara li ezaminaw il-kuntratti ta' akkwist tal-konvenuti u l-pjanti mehmuza, qalu:

*"3) Illi l-periti addizzjonali pprocessaw il-pjanti mehmuza ma' dawn il-kuntratti u rriducewhom ghall-istess skala komuni, biex ikunu jistghu jqabbluhom mas-survey Dok. SU12).*

*4) Dan l-ezercizzju huwa prodott f'Dok. SU2); fuq in-naha tax-xellug fejn juri s-survey prezenti tal-art superimpost bl-arja ndikata bil-kulur ahmar – il-porzjon tal-art akkwistata mill-konvenut skond il-hames kuntratti ta' akkwist, kif indikati aktar 'il fuq.*

*5) Illi l-esponenti periti addizzjonali applikaw overlayering ta' kull pjanta mehmuza mal-kuntratti rispettivi fuq il-parti tas-survey li hija l-art tal-konvenut. Dan qieghed jigi ndikat fuq l-istess Dok. SU2 fuq in-naha tal-lemin.*

*6) L-esponenti applikaw best fit criteria, biex ghaqqdu il-hames bicciet ta' art akkwistati mill-konvenut u li llum jiffurma l-art tieghu fl-intier taghha.*

*7. Illi l-kwistjoni principali hija ta' uzurpazzjoni ta' art min-naha tal-konvenut, fuq art attrici, u specifikament il-linja K,L,M, fin-naha tal-hajt li jifred il-proprjeta attrici minn dik konvenuta f'Dok. SU2).*

***Konkluzjonijiet.***

a) ***Illi l-periti addizzjonali ikkonkludew illi sa limiti accettabbli, il-pjanti mehmuza mal-hames kuntratti relattivi jaqblu u jiffitjaw fil-konfini tas-survey li jikkonfina l-proprjeta konvenuta.***
b) *Illi komplessivament l-arja superficjali ta' kull porzjon specifikata ma' kull kuntratt taqbel cirka mal-arja rizultanti mis-survey Dok. SU2).*
c) *Illi l-konfini ta' fuq il-lemin tal-art konvenuta huwa delinejat b'kisra taqbel mal-istess kisra prezenti fil-pjanta mehmuza mal-kuntratt a fol. 115, datata id-29 ta' Awissu 1994.*
d) *Ghalhekk mill-pjanti tal-kuntratti meta dawn gew ikkunsidrati mas-survey odjern, jirrizulta illi l-hajt KLM fuq Dok. SU2, li bena l-konvenut ma uzurpax l-ebda arja mill-porzjon ta' art attrici li tinsab fuq il-lemin tal-istess art.*
e) *Ghalhekk l-esponenti ma jaqblux mal-konkluzjoni numru 48 tal-perit tekniku precedenti li kkonkluda illi l-konvenuti bnew il-pedamenti li jisporgu fuq l-art ta' attrici fl-iskontru ta' gewwa.*

[2] Ara digriet li nghata waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru, 2011 (fol. 420).

f) ***Ghalhekk l-esponenti huma tal-fehma illi l-ebda talba attrici ma tirrizulta."***

L-attrici pprezentat rapport tal-perit Karl Borg (fol. 342), fejn jinghad li l-faccata tal-fond tal-konvenuti hu ta' 68'6" filwaqt li skond il-kuntratt ta' akkwist tas-26 ta' Settembru 1994 *"the total width according to the contract should be 67'0½".* Ghalhekk ikkonkluda li din id-diskrepanza fil-faccata tal-fond tal-konvenuti, *"would infer an intrusion of 1' 5½" (0.44m), as measured along the alignment of the street, onto Mrs Bezzina's property."* Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009 bint l-attrici giet mitluba tispjega fejn qeghda tallega li sar *encroachment* fuq l-art taghha. It-twegiba kienet:

> *"Jekk perit gie u kejjel il-faccata u sab illi hemm aktar qisien mhux hemmhekk hu ?"* (fol. 239).

Il-perit Borg stess, waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2009 xehed li ma kienx jaf jekk fil-parti ta' wara saritx invazjoni (fol. 273). Zgur ghalhekk li dak li xehed il-perit Borg ma jistax iservi bhala prova li probabilment saret l-invazjoni. L-opinjoni tal-perit Borg giet ukoll kontestata mill-perit Italo Raniolo (ara kalkoli a fol. 341)[3]. Il-perit tekniku Alan Saliba ttratta wkoll l-opinjoni tal-perit Karl Borg (fol. 368-369) b'mod ferm komprensiv u wasal ghal konkluzjoni tieghu:

> *"36. Jirrizulta illi l-attrici bbazat l-allegazzjoni dwar l-estromessjoni tal-bini tal-konvenuti fuq il-punt illi l-wisa' tal-faccata tal-plot tal-konvenuti fuq Triq Lapsi huwa aktar b'wiehed punt erbgha sitta (1.46) piedi (1'5½") mill-kejl akkwistat minnhom permezz tal-kuntratti precitati. F'dan ir-rigward gie pprezentat rapport tal-perit Karl Borg datat 21 ta' Jannar 2009. Dan ir-rapport huwa bazat fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-konvenuti tas-26 ta' Settembru 1994 atti Nutar Philip Said. F'dan ir-rigward jigi rilevat is-segwenti:*
>
> 1. *F'dan ir-rapport il-Perit Karl Borg ikkunsidra l-angolu bejn il-faccata u l-hajt divizorju bhala sittin grad (60°) mentri mill-istess pjanta jirrizulta illi dan l-angolu huwa ta' sebgha u hamsin grad (57°). Dan jaghti diskrepanza favur il-konvenuti ta' punt sebgha tmienja piedi (0.78') jew disa' pulzieri u terz (9 1/3") fil-wisgha ta' tlett qasab akkwistati minnhom permezz tal-istess kuntratt.*
> 2. *Mill-kejl tal-ewwel parti tal-hajt divizorju tal-lemin (ma' proprjeta ta' terzi) tal-plot tal-konvenuti, jirrizulta illi l-linja attwali tat-triq tinsab 'il barra minn kif indikata fuq il-pjanta a fol. 15 b'madwar disa' pulzieri u nofs (9.5"). Jekk wiehed jikkunsidra illi l-linja tat-triq ezistenti hija paralella mal-linja tat-triq indikata bhala road alignment fuq fol. 15, dan jaghti diskrepanza ohra favur il-konvenuti ta' punt tlieta tlieta piedi (0.33') jew erba' pulzieri (4") fit-tul tal-faccata kollha.*
> 3. *Il-Perit Karl Borg kejjel il-wisa' attwali tal-faccata tal-konvenuti, minn estremita ghal ohra (cioe mill-pilastru fuq in-naha tal-lemin san-naha ta' barra tal-hajt divizorju fil-kwistjoni tax-xellug) bhala 20.88m cioe' 68.6". L-esponent perit tekniku kejjel din id-distanza fuq il-post bhala 20.78m jew 68'2". Ghalhekk tirrizulta diskrepanza ohra favur il-konvenuti ta' punt tlieta tlieta piedi (0.33') jew erba' pulzieri (4"), mid-diskrepanza kkalkulata mill-Perit Karl Borg.*
>
> *37. B'hekk iz-zejjed fis-wisa' tal-faccata tal-konvenuti allegat mill-attrici huwa fil-fatt punt zero tnejn piedi (0.02') jew kwart ta' pulzier (1/4") li huwa negligenti* (recte, negligibbli)*, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra:*
>
> *1. Li dan il-kejl huwa angulat mal-linja tal-hajt divizorju fil-kwistjoni.*

[3] Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2009, il-perit Raniolo spjega ghalfejn ma kienx jaqbel ma' dak li qal il-perit Borg fir-rapport tal-21 ta' Jannar 2009 (fol. 342).

*2. Li wiehed ghandu jhalli ghal certu tolleranzi fil-kejl bir-rutella.*

*3. Illi gie kkunsidrat illi m'hemmx spazju bejn iz-zewg qoxriet tal-hajt divizorju u li dawn iz-zewg qoxriet fihom ezatt seba' pulzieri (7") kull wahda.*

*38. Minbarra dan, mill-pjanta tal-kuntratt tal-konvenuti a fol. 15, jirrizulta illi 'l wisa' tal-faccata kellha tkun madwar 20.8m, u cioe' daqs il-kejl li hemm fuq il-post."*

Fic-cirkostanzi il-parir tal-perit Borg hu kontradett minn dak tal-perit tekniku. L-attrici ma tat l-ebda raguni ghalfejn din il-qorti ghandha taddotta l-opinjoni tal-perit Borg u tiskarta x'qal il-perit tekniku. L-oneru tal-prova qieghed fuq l-attrici, u anke jekk ikun hemm dubju dan jimmilita favur il-konvenuti.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici argumentat:

> *"Fil-kuntratti in kwistjoni l-parametri ta' dak li qieghed jgi mibjugh hu ben definit u stabbilit. Il-periti perizjuri ma setghux fil-ligi jinjoraw dak li kien stipulat fil-kuntratt ta' akkwist ghall-kwistjonijet ohra. Il-kwistjoni fil-prezenti kawza ma hijiex il-kapacita tal-art akkwistata mill-konvenut li se mai, sija jekk hemm nuqqas sija jekk hemm iz-zejjed jaghti fil-ligi dritt ghall-rimedji ohra. Il-kwistjoni hija l-interpretazzjoni fuq l-art tal-linja divizorja murija fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt. Il-linja li nterpretew il-periti perizjuri ma tirriflettix u ma ssegwiex dik specifikata fil-kuntratt fost hwejjeg ohra ghaliex l-angolu ta' dik il-linja (kif definita mill-periti perizjuri) huwa ferm differenti minn dak li hemm fil-kuntratt ta' vendita."* (fol. 485).

Il-periti ghamlu ezercizzju, li kien jinkludi survey tal-art li qeghda fil-pussess tal-konvenuti u ezami tat-titoli tal-konvenuti u pjanti mehmuza maghhom, u kkonkludew li in generali l-konfini ezistenti tirrispekja dik li tirrizulta mill-pjanti mehmuza mal-kuntratti. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-attrici. Il-pjanti mehmuza mal-kuntratt ta' akkwist tal-konvenuti minghand l-atturi, huma kollha skala 1:250 (fol. 15; fol. 20; fol. 24 u fol. 29) kif inhu s-survey. Hu evidenti li l-perit addizzjonali ghamlu paragun bejn dawk il-pjant u l-pjanti ta-survey u waslu ghal konkluzjoni taghhom. Il-qorti taqbel mal-fehma tal-periti addizzjonali li:

> *"sa limiti accettabbli, il-pjanti mehmuza mal-hames kuntratti relattivi jaqblu u **jiffitjaw fil-konfini tas-survey li jikkonfina l-proprjeta konvenuta.**"*

L-attrici argumentat li l-metodu ta' *best fit* hu kriterju soggettiv, *"... ghaliex meta taghmel gudizzju ta' best fit inti ma tkunx qieghed issegwi parametri rigidi xjentifici jew matematici imma tkun qieghed taghmel ezercizzju li jidher tajjeb ghall-ghajn."* L-ezercizzju li pproponiet l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet hu wkoll ezercizzju li jinvolvi l-uzu tal-ghajn. Fil-fatt l-attrici qalet li bejn il-linja divizorja u t-triq hemm angolatura ta' 56°. Jekk il-qorti fehmet sew, jidher li l-attrici qeghda issa taddotta l-parir tal-perit Carmel Mallia (rapport tal-31 ta' Awissu 2011) li dwaru l-qorti tat digriet fit-8 ta' Ottubru 2011 li bih cahdet it-talba tal-attrici sabiex iservi bhala prova[4]. F'kull kaz l-angolatura ta' 56° lanqas ma taqbel mal angolatura ta' 60° li semma l-perit Karl Borg fir-rapport tal-21 ta' Jannar 2009. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ghamlet argument tekniku. Argument li pero' m'hemmx provi dwaru. Jista' jkun li l-attrici qeghda tistieden lill-gudikant sabiex jaghmel l-ezercizzju hu. Madankollu dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Il-qorti tiddeciedi

[4] Ara fol. 418.

fuq il-provi, li jinkludu pariri teknici. Il-kawza ilha pendenti snin twal u kull parti kellha l-opportunita tressaq il-prova li deherilha li hi l-ahjar ghal kaz taghha. Dan apparti li l-qorti hi tal-fehma li taghmel sens id-dikjarazzjoni tal-periti addizzjonali li, *"L-angolatura tohrog b'mod awtomatika meta ssir is-superimposition."*[5]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ghamlet ukoll riferenza ghall-pjanta mehmuza mal-kuntratt tas-26 ta' Settembru 1994[6]. Pero' l-attrici ma kinitx parti ghal dak il-kuntratt u l-pjanta mehmuza ma' dak il-kuntratt ma gietx mehmuza mal-kuntratti li saru bejn l-attrici, zewgha u l-konvenuti.

Bil-provi li hemm fl-atti nkluz provi teknici, din il-qorti ma tista qatt tikkonkludi li l-attrici tat prova li fuq bazi ta' probabilta' l-konvenuti nvadew l-art taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni, spejjez a karigu tal-konvenuti.**
2. **Tichad il-hames eccezzjoni, spejjez a karigu tal-konvenuti.**
3. **Tilqa' l-eccezzjonijiet fil-meritu in kwantu l-attrici ma pprovatx li l-konvenuti nvadew u hadu art li hi proprjeta taghha. Ghaldaqstant, tichad it-talbiet kollha tal-attrici.**

**Salv ghal dak li nghad, spejjez kollha a karigu tal-attrici.**

Anthony Ellul.

[5] Seduta tat-2 ta' Frar 2015.
[6] Il-kuntratt qieghed a fol. 115-117, filwaqt li l-pjanta mehmuza mal-kuntratt qeghda a fol. 118.